MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

23 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni ta' Dr. H. Caruana u s-Sur V. Galea li waslu 5.38pm u 5.35pm rispettivament. Il-laqgħa bdiet fil-ħin minħabba li kien hemm quorum.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sindku talab sospensjoni biex jitkellmu s-Sinjuri Carmelo Chetcuti u s-Sur Manuel Cuschieri. Is-Sur Cuschieri qal li fl-area tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern hemm jirrappreżentawhom bħalha Kunsilliera tlieta imma ma speċifikax ismijiet. Qal li ġie jitkellem mill-ewwel sabiex ma jiġrix bħall-elezzjonjiet passati fejn wara l-elezzjoni ħlief lis-Sur Cordina ma rax. Kompla bl-ilmenti fuq il-latrini ta' ħdejn l-iskola fejn qabel l-iskola kienu jkunu maħmuġin u issa qed jissupponi li s-servizz immiljora. Talab li qabel tibda l-iskola ssir laqgħa mal-Pulizija biex iż-żona tkun mgħassa aħjar minħabba li ġieli tlett darbiet fil-ġimgħa din inzertat bla Pulizija. Is-Sur Cordina qal li qabel kien hemm Pulizija rtirat imma llum jidher li għandhom xi problema ta' staff. Is-Sur Cuschieri kompla billi qal li problema oħra hi li d- *drop off zone* dejjem okkupata u l-aħħar punt li xtaq iwassal kien sabiex isir xi ħaġa fuq il-ħmieġ tal-klieb. Is-Sur Galea qal li l-aħħar li kien il-Belt persuna li tefgħet sigarett barra weħlet multa minn pajjiżan. Is-Sur Cordina qal li dan is-servizz tal-Gwardjani pajjiżani qed ibatu minnu kull Kunsill imma s-Sur Fava tal-Assoċjazzjoni qed jgħin f'dan ukoll.

Is-Sur Carmelo Chetcuti beda billi qal li fl-area tal-Qasam tal-Gvern qatt ma jsir xejn. Siġar qatt ma jinżabru, ħmieġ kullimkien. Is-Sur Cordina qal li mhux minnu u li fuq iż-żbir hemm regolamenti fissi mill-ERA. Is-Sur Chetcuti baqa' jirribatti u għolla kemmxejn leħnu u hawn is-Sindku interrompa, fost ħafna kummenti li bdew għaddejjin li mhux minnu li qatt ma jsir xejn fuq is-sigar, li issa kif qalet is-Segretarju Eżekuttiv mhux iż-żmien u wera wkoll xi ritratti ta' xogħolijiet li saru dan l-aħħar fuq *centre strips, verges* u ġonna. Finalment wara li kkalmat il-biċċa is-Sur Chetcuti talab li jsir doggy bin fl-area ħdejn is-*substation* u skuża ruħu.

Is-Sinjuri Cuschieri u Chetcuti ħallew il-kamra.

Wara dan kien hemm diskussjoni qasira fuq l-Uffiċċini minħabba li s-Sur Galea bl-ebda mod ma ried jidħol fil-kamra mal-mejda, meta, qal hu s-saqaf hu daqshekk perikolanti. Dr. Caruana qalet li kien hemm option bejn bejgħ u xiri imma dan il-proġett tal-uffiċċini kien ġa deċiż fil-leġislatura ta' qabel għalhekk ħa tipprova tgħin mal-Awtorita' sabiex ma jdumx ma joħroġ il-permess.

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

2.3.1 Talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitneħħew l-iskips u ma jerġgħux jitpoġġew qabel ma:

1. Tiġi nstallata camera.
2. Jinżammu l-ġranet u jitnaddfu regolarment
3. L-area tinżamm nadifa.

Din it-talba ġiet approvata

2.3.2 Talba sabiex jinxtara portable AC. Din it-talba ġiet approvata.

2.3.3 Konsultazzjoni li ma saritx meta twaħħlu bollards fi Triq il-Mosta u fuq ordni tiegħu inqalgħu mill-Kunsill. Il-Kunsill irċieva ittra legali dwar dan imma s-Sur Fava ntervjena u l-ittra ġiet irtirata. Qal ukoll li ħa ssir laqgħa ma' Transport Malta.
Is-Sur Galea barra s-suġġett saqsa meta ssir iż-żebgħa tas-sinjali fir-raħal? Is-Sur Cordina qal li ssir mill-ħaddiema skont il-bżonn biex jiġu frankati ħafna ewro minħabba li qabel kienu jsiru mill-Kuntrattur bi spiża kbira. Dr. Caruana qalet li la m'hemmx pjan mhux worth it li biex niffrankaw il-flus idumu biex isiru. Qalet ċertu sinjaletika trid tieħu prijorita'. Is-Sur Cordina qal li ma jiġux frankati l-flus għax ma jsirux imma jsiru meta jkunu waslu u permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill jiġu frankati l-flus.

2.3.4 Barra mis-suġġett ukoll is-Sur V. Galea talab jekk jistax isir xi ħaġa fuq il-vann tal-ħabs tal-isptar Monte Carmeli li kien jixgħel is-sirena kull filgħodu kmieni. Qal li hu kien kiteb u preżentament qed jixgħel il-bleeper biss. Is-Sur Cordina qal li m'hemmx kontroll min-naħa tal-Kunsill fuq dawn l-affarijiet.

2.3.5 Talba sabiex issir rampa permanenti għad-diżabbli quddiem il-ħanut li se jiftaħ ġdid tas-Sur Simon Vella. Is-Sur Vella esprima ruħu fuq is-suggett u qal li wara li sar kuntatt ma' Transport Malta ġie suġġerit li s-Sindku jiltaqa' mas-Sur Cohen fuq u il-post u ssir pjanta minn Transport Malta.

Wara li s-Sinjuri Vella ħallew il-kamra il-Kunsill qabel li ssir pjanta minn TM imma Dr. Caruana saqsiet galadarba din se ssir għalihom għaliex ma titħallasx minnhom, la għal xi ħaġa kummerċjali?? Is-Sur Galea qal li tista' ssir donazzjoni jew kompla l-Perit Giorgio Schembri jsir xi ħlas kontra xi *advertising*. L-ebda option ma ġiet approvata għalissa ħlief li se jsir kuntatt mas-Sur Cohen.

2.3.6 L-artiklu tas-Sur Bonnici fejn speċifika li rigward it-*trimmings* tan-nies il-Kunsill ma jistax jobbliga lil ħadd jaqtahom imma sempliċement niktbulhom.

2.3.7 Talbiet għall-festa:

Riċeviment għall-anzjani nhar il-5 ta' Awwissu. Ġiet approvata l-ispiża ta' €300

La Stella Levantina 150 siġġu fit-12 ta' Awwissu
400 siġġu fl-14 ta' Awwissu

Ġew approvati t-tnejn biss l-ispiża konnessa mal-avveniment tal-125 sena se tkun spiża ta' darba.

Trasport Banda minn Sqallija f'għeluq il-125 sena. Din l-ispiża se tlaħħaq mal-€640. Din l-ispiża ġiet approvata.

L-avvenimenti kollha konnessi mal-għeluq il-125 sena tal-banda ġew approvati a bażi li jsiru kollha b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

2.3.8 Artiklu li deher f'ġurnal rigward il-proġett ta' Triq il-Katlan. Qal li wara dak li nqala' qed jipproponi li sempliċement jinbidlu l-bankini minn dawk preżenti u nagħtu dehra ftit aħjar. Il-Perit Giorgio Schembri u l-Kunsill kollu qabel li jmorru fuq l-irħas offerta tal-grey brush finish u jinżamm l-ambjent li hemm, forsi l-iktar jiżdiedu ftit *shrubs*.

2.3.9 Il-Proġett Central Link fejn il-Kunsill kien rappreżentat mill-Perit Giorgio Schembri u għalkemm approvat irringrazzja li ngħata ċ-ċans jagħmel l-intervent tiegħu.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.4.1 Is-Sur Alex Mangion:

- Li hemm bżonn li l-Yukki fi Triq Sant'Anton ħdejn Roseville jinbidlu għax qed jostakolaw il-bankini u ma jkunux jistgħu jgħaddu bil-pushchairs.

2.4.2 Is-Sur Victor Galea:

- Talab sabiex tintbagħat ittra biex tiġi rranġata Triq iż-Zagħfran. Se tintbagħat ittra ġdida lill-Ministru Ian Borg għalkemm is-Sinjura Sammut il-ħin kollu għaddejja bir-*reminders* biex jitranġaw il-lights fl-istess biċċa.

2.4.3 Is-Sur John Bonnici:

- Talab biex jitranġa fanal imkisser f'Wied Irmiedi
- Biex titranġa l-Gazebo tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern.
- Biex isir *dustbin* żgħir hemm stess
- Biex titranġa Gardina Gorg Zammit
- Biex jinqalgħu il-yukki ta' ħdejn il-flats tal-Gvern. Is-Sur Cordina qal li l-għeruq huma fondi u hemm cans li jinqala' l-ħajt kollu.

2.4.4 Dr. Helen Caruana:

- Talbet li dawk il proġetti li ġew *brought forward* minn leġislatura għall-oħra jitkomplew bħal ta' Triq il-Katlan u l-Info Centre.

2.4.5 Il-Perit Giorgio Schembri:

- Talab li jekk hemm xi fondi tal-Gvern jiġi ccdekkjat sabiex bihom jitnaddaf Wied Irmiedi. Il-Kunsill ħa jipprova jagħmel kuntatt mas-sezzjoni tal-widien biex jekk hemm

u jista' jitnaddaf jitneħħew l-ispeċi invażivi li hemm.

Is-Sinjura Connie Scerri:

2.4.6
- Irringrazzjat fuq it-tabella ta' Triq Durer.
- Talbet biex tiġi kkupjata kull darba li jiġi kkuntatjat il-Project Manager.
- Talbet biex issir żebra crossing oħra fi Triq Birkirkara
- Biex meta ssir il-kampanja u l-attivita' tal-iSport u l-Eżerċizzji Fiżiċi tiġi nvoluta ħa tkun tista' tagħmel kuntatt man-nies.

Dr. Silvio Brincat;

2.4.7
- Saqsa fuq il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Latrini Pubbliċi 7/8 ta' filgħodu
- Saqsa fuq il-bankini bil-ħmieġ tal-klieb
- Il-materjal ta' kostruzzjoni, is-siti u t-trabijiet

## 2.5 Ġemellaġġ informazzjoni għall-Membri Ġodda u update

2.5.1 Ir-rapport jinsab anness ma' dawn il-Minuti u kien ġa ċirkulat lill-Kunsilliera. Is-Sur Remigio Bartolo qal li l-Kunsill hu ġemellat ma' Elancourt u f'Mejju hemm il-European Project 2020. Il-Kunsill ġie mistieden minn Elancourt sabiex jitilgħu hemm 5 persuni. Qal li ovvjament iridu jitilgħu is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u hu bħalha Chairman imma iktar 'l quddiem jaraw min iktar hu nteressat minn fost il-Kunsilliera. Is-Sur Bonnici qal biex naffiljaw ruħna wkoll mal-pajjiżi l-oħrajn li huma ġġemellati magħhom imma ġie spjegat lilu li dan ma jistax isir. Dr. Caruana qalet li jiddiskutu iktar 'l quddiem u fil-każ l-oħrajn jittellgħu bil-lot.

## 2.6 Jum Ħ'Attard

2.6.1 Is-Sur Bartolo ssuġġerixxa li Jum Ħ'Attard jibda jsir ġurnata stabbilita' bħall-ewwel Ħadd wara l-festa sabiex ikun jista' jsir fl-apert. Il-Perit Giorgio Schembri qal li jkun jista' jitħalla l-armar tal-festa imma s-Sur Cordina ma qabilx għax qal li jekk jinqala' xi maltemp l-ħsarat fuq dan l-armar huma kbar u ma jixtieqx jidħol f'polemiċi.

Għal din is-sena biss ġiet iffissata d-data tat-18 ta' Ottubru u naturalment wara xi diskussjonijiet ġie maqbul li jsir fiċ-Centru Parrokkjali.

## 2.7 *Management Letter u* Risposta tas-Sindku

2.7.1 Ġiet approvata u ffirmata r-risposta tas-Sindku.

## 2.8 Rapporti

2.8.1

Ma kienx hemm rapporti

## 2.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kellha titħassar u terġa toħrog mill-ġdid l-offerta tar-*Resurfacing* minħabba li l-ispiża qabżet il-Budget. Is-Sinjura Mifsud tablet għalhekk sabiex jiġi ffurmat bord għall-għan ta' evalwazzjoni. Dan il-Bord se jkun kompost hekk:
Sur Christopher Falzon
Dr. Helen Caruana
Sur Remigio Bartolo

Skemi:

Irrigazzjoni: Dawn ġew approvati sabiex isiru:
Fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern
Fi Ġnien il-Kunsill
Fi Ġnien Misraħ Kola

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kwotazzjonijiet għall-Ġonna Ħal-Warda, Kunsill u Misraħ Kola li riedu jiġu sottomessi mal-applikazzjoni, kienu ilhom lesti minħabba li ħadu ż-żmien imma jekk tista' wara l-approvazzjoni tibdel il-lok ħa tipprova.

Lifelong Learning

Dr. Caruana ssuġġeriet li tagħzel is-Segretarju Eżekuttiv u wara tinfumahom bis-suġġetti magħżula.

## 2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

2.10.1 Approvati wara li saret mistoqsija fuq il-kuruni tal-funerali għal minn jinxtraw għax l-ammont kien mhux ħażin. Is-Sur Cordina qal li d-deċiżjoni għal min jintbagħtu fjuri joħodha hu u li l-aħħar pagament kien f'Marzu għalhekk kien hemm dak l-ammont. Dr. Caruana qalet li saqsiet biss sabiex ma ssirx diskriminazzjoni li lil dak tibgħatlu u l-ieħor le. Is-Sur Cordina qabel.

## 2.11 Mozzjonijiet; u

2.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

Qabel tmien il-laqgħa Dr. Caruana talbet lill-Kunsill sabiex sakemm jiltaqgħu ma' jesprimux ruħhom fuq bażi personali fuq il-proġett tas-Central Link. Il-Perit Giorgio Schembri ma qabilx. Hi qalet li l-proġett ġie approvat u mhux ta' min jgħaddi kummenti sakemm ma jkunx hemm appelli.

## 2.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Awwissu 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Awwissu 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv